TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

20

Avviż Numru CCT 45/18/F

**Adrian Marmara**

**vs**

**Wotomoto Limited**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u tmenin Ewro (€1,080), rappreżentanti l-prezz ta' mutur li wara sitt xhur ħariġlu s-sadid minkejja li kellu sentejn garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mutur li kellu sentejn garanzija u fi żmien sitt xhur beda joħroġlu s-sadid. Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll sett ta' ritratti.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi s-sadid ħareġ tort tan-negliġenza tar-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota illi apparti li hemm il-garanzija ta' sentejn, mhix aċċettabbli li fi żmien sitt xhur joħroġ is-sadid, anke minkejja li jista' jagħti l-każ li mhux qed jgħid li hu hekk u li kien negliġenti, għax jemmen illi r-rikorrenti kien jieħu ħsiebu wkoll.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf Ewro (€1,000), u b'dan illi l-mutur jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 45/18/F

**Adrian Marmara**

**vs**

**Wotomoto Limited**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u tmenin Ewro (€1,080), rappreżentanti l-prezz ta' mutur li wara sitt xhur ħariġlu s-sadid minkejja li kellu sentejn garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mutur li kellu sentejn garanzija u fi żmien sitt xhur beda joħroglu s-sadid. Ir-rikorrenti ppreżenta wkoll sett ta' ritratti.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi s-sadid ħareġ tort tan-negliġenza tar-rikorrenti.

It-Tribunal, jinnota illi apparti li hemm il-garanzija ta' sentejn, mhix aċċettabbli li fi żmien sitt xhur joħroġ is-sadid, anke minkejja li jista' jagħti l-każ li mhux qed jgħid li hu hekk u li kien negliġenti, għax jemmen illi r-rikorrenti kien jieħu ħsiebu wkoll.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf Ewro (€1,000), u b'dan illi l-mutur jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888